# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Illum il-Ħamis, 17 ta' Diċembru, 2020.**

**Rikors numru 322/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1415/2020 fl-ismijiet:**

***Liquigas Malta Limited* (C 44954)**

***v.***

***Easygas Malta Limited* (C 45789)**

1. Dan il-provvediment huwa fuq rikors tat-2 ta' Novembru 2020 magħmul mis-soċjetà sekwestrata *Easygas Malta Limited* [*Easygas*] taħt l-art. 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għat-tħassir tal-mandat fuq imsemmi, għall-ħlas ta' penali taħt l-art. 836(8) u (9), u, alternativament, għall-għoti ta' garanzija taħt l-art. 838A u biex jinħarġu wħud mis-sekwestratarji.

2. Għandu jingħad qabel xejn illi nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2020 ingħatat sentenza finali fuq il-pretensjoni mħarsa bil-mandat u

għalhekk uħud mit-talbiet ta' *Easygas* huma issa superati u l-effetti tal-mandat issa huma regolati bl-art. 838B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-każ li l-mandat jinżamm fis-seħħ taħt dik id-disposizzjoni, is-*sorte* jkun kif likwidat fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020 u l-imgħax relativ ikunu maħdum fuq is-*sorte* hekk likwidat.

3. Tibqa' relevanti t-talba għall-ħlas ta' penali li ġiet imfissra hekk:

> »Illi *Easygas* umilment tissottometti illi dan il-mandat kawtelatorju huwa wieħed li jiġġustifika l-imposizzjoni tal-penali massima u danni kontemplati fil-liġi, u dan *ai termini* tal-art. 836(8)(*ċ*) u (*d*) u l-art. 836(9).
>
> »*Iċ-ċirkostanzi ta' Easygas ma jagħtu ebda dubju dwar il-likwidità tal-kumpannija*
>
> »… … … il-qagħda finanzjarja ta' *Easygas* hija tali li ma tagħti assolutament ebda dubju dwar il likwidità tagħha:
>
> »Kif indikat fir-rapport finanzjarju esebit mill-Awditur Delia u kif saħansitra juru l-*audited financial statements* tal-kumpannija, *Easygas* baqgħet ittejjeb is-sehem tagħha fis-suq sena wara sena, u konsegwentement dan ġab miegħu żieda fil-profitti u fl-assi tagħha.
>
> »Illi dan ir-rapport ilkoll jikkonferma illi s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *Easygas* illum hija ħafna aħjar minn dik li kienet fis-sena 2016. Fis-sena 2016 il-qorti, presjeduta mil-lum Prim Imħallef Onor. Mark Chetcuti, kienet diġà rrimarkat li l-finanzi ta' *Easygas* huma fis-sod – tant li dakinhar kienet ordnat it-tnaqqis tal-ammont kawtelat kważi bin-nofs – aħseb u ara llum il-ġurnata li dawn ir-riżultati baqgħu jitjiebu.
>
> »Illi dan kollu seta' faċilment jiġi verifikat minn *Liquigas* peress illi r-rapporti finanzjarji ta' *Easygas* huma naturalment kollha pubbliċi. L-inqas li setgħet tagħmel *Liquigas* qabel ma intavolat dan il-mandat kien li tagħmel il-verifiki tagħha fuq il-qagħda finanzjarja ta' *Easygas* sabiex verament tiddetermina jekk il-mandat kienx hemm bżonnu jew le. *Liquigas* dan l-ezerċizzju ma għamlitux, u għaldaqstant l-imposizzjoni tal-penali kontemplata fil-liġi tkun ġusta għal dan il-każ.
>
> »*It-talba ta' Liquigas hija waħda li saret b'malizzja*
>
> »Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-fatti kollha jippuntaw għal konklużjoni waħda u inekwivoka – li dan il-mandat huwa wieħed malizzjuż u li sar biss bħala vendikazzjoni.
>
> »Illi l-malizzjożità tal-aġir ta' Liquigas hija evidenti kemm miż-żieda ta' xejn inqas minn ħamsin sekwestratarju … … . iżda b'mod speċjali mill-meta ġie preżentat.
>
> »Illi qabel xejn tajjeb jingħad illi l-appell relattiv issa qiegħed appuntat għall-5 ta' Novembru 2020 u għalhekk wieħed jistaqsi l-għala *Liquigas* ħasset il-bżonn li tippreżenta dan ir-rikors fi stadju tant tardiv tal-proċeduri.

»Illi huwa ċar illi dan il-mandat sar biss bħala ritaljazzjoni għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi *Easygas* ottjeniet filkonfront ta' *Liquigas* għall-ammont ta' ħames mija u sittin elf euro (€560,000) … … …

»Illi tenut kont ta' dan kollu, jidher biċ-ċar illi l-intenzjoni ulterjuri wara dan il-mandat huwa biss li jxekkel u joħnoq lil *Easygas* milli topera, u dan meta hija l-uniku kompetitur ta' *Liquigas* f'dan is-suq. Huwa ċar li *Liquigas* m'hijiex qiegħda tieħu dawn il-passi legali sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, iżda hija intiża biss li tuża dawn il-proċeduri sabiex iservi bħala ostaklu għall-kompetizzjoni ħielsa bejn iż-żewġ kumpanniji. Dan, fil-fehma umli ta' *Easygas*, jikkostitwixxi abbuż serju mill-proċedura tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

»Illi huwa ovvju illi dan il-mandat huwa wieħed li ntalab b'ingann u malizzja mis-soċjetà sekwestranti, fejn l-intendiment ma kienx il-kawtela tal-pretensjoni tad-drittijiet tagħha iżda huwa sempliċiment anella oħra f'katina ta' proċeduri li intavolat kontra *Easygas*. *Di più*, għandu jingħad ukoll illi dan il-mandat huwa wieħed fieragħ u vessatorju u li m'għandu l-ebda utilità prattika għajr li jġib fix-xejn lill-operat ta' *Easygas*, għad-detriment ta' eluf ta' għexieren ta' konsumaturi, negozji, u fuq kollox, familji tal-impjegati tal-istess *Easygas*.

»Illi għaldaqstant *Easygas* tissottometti illi jissussistu r-rekwiżiti neċessarji sabiex dina l-onorabbli qorti tordna l-ħlas ta' penali u danni *ai termini* tal-art. 836(8) u art. 836(9) fil-konfront ta' *Liquigas*.

»Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha premessi, is-soċjetà rikorrenti … titlob lil dina l-onorabbli qorti jogħgobha:

… … …

»tapplika l-penali fil-konfront ta' *Liquigas* kif ikkontemplat fl-art. 836(8), u tikkundanna wkoll lill-istess *Liquigas* tħallas dawk id-danni li ġarrbet is-soċjetà rikorrenti bil-ħrug tal-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dan *ai termini* tal-art. 836(9) tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta.«

4. Il-parti relevanti tal-art. 836 tgħid hekk:

»**836.** (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€ 6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:

»… … …

»(*ċ*) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

»(*d*) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.«

5. Dwar l-ewwel raġuni mressqa minn *Easygas*, *viz*. illi l-qagħda finanzjarja tagħha kienet tajba kif igħid il-para. (*ċ*), il-qorti toserva illi fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020 jingħad illi *Easygas* żammet f'idejha ċilindri tal-gass proprjetà tas-sekwestranti *Liquigas Malta Limited* [*Liquigas*]. Dan fixkel lil *Liquigas* fit-tmexxija tan-negozju tagħha u ma kienx irraġonevoli għal *Liquigas* li temmen li dan jagħti lil *Easygas* vantaġġ fuqha li seta' ikkontribwixxa għal parti mis-suċċess kummerċjali ta' *Easygas* iżda li jista' jintilef jekk jiġi stabilit illi, kif kienet temmen *Liquigas* u kif ingħatat raġun fis-sentenza fuq imsemmija, dik l-imġieba ta' *Easygas* kienet illeċita.

6. *Liquigas* għalhekk kellha raġun ma tqisx il-qagħda finanzjarja preżenti ta' *Easygas* bħala garanzija tajba u biżżejjed, u ma mxietx ħażin li talbet ukoll il-ħruġ tal-mandat. It-talba ta' *Easygas* taħt il-para. (*ċ*) tal-art. 736(8) hija għalhekk miċħuda.

7. It-tieni raġuni hija illi l-mandat inkiseb b'malizzja.

8. Meta tqis illi l-mandat inkiseb wara sentenza tal-ewwel grad li tat raġun lil *Liquigas* ma jistax jingħad li din imxiet b'malizzja. Anzi, kienet x'aktarx prudenti li stenniet li l-pretensjoni tagħha tkun likwidata u imsaħħa b'sentenza, għalkemm tal-ewwel grad. Tassew illi s-*sorte* tnaqqas fl-appell, iżda qari tas-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2020 juri li dan it-tnaqqis huwa kumpensat b'obbligu ġdid impost fuq *Easygas*, *viz.* illi trodd iċ-ċilindri ta' *Liquigas* li kienet qiegħda żżomm bla ma kellha jedd għalihom, li ma kienx impost fis-sentenza tal-ewwel grad. Effettivament *Liquigas* ingħatat raġun fil-pretensjonijiet tagħha u

b'ebda mod ma jista' jingħad illi f'xi waqt imxiet b'nuqqas ta' għaqal, u wisq anqas b'malizzja.

9. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors ta' *Easygas* tat-2 ta' Novembru 2020. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *Easygas.*

10. Dan il-provvediment ingħata *in camera* llum il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020. Għandha minnufih tintbagħat kopja lill-avukati tal-partijiet.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr